MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2011

Talba Numru. 202/2011

**Nibe Beverages Limited**
**C-31206**

**vs**

**David Burke**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elfejn tlieta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,083.55c), ammont bilancjali dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lill-konvenut.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-23 ta' Lulju, 2006 data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn tlieta u tmenin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€2,083.55c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------